MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2012

Appell Kriminali Numru. 367/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Ian Abdilla)**
**Vs**
**Joseph Mary Portelli**

**Illum, 27 ta' Lulju, 2012**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar xhur, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku jew pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, falsifikazzjoni, jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi foloz

jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella li zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti li dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe' ghamel falsifikazzjoni ta' firem ta' persuni ohra fuq biljetti ta' flus u cioe' Traveller cheques ta' Thomas Cook u aktar talli xjentement ghamel uzu mill- istess skritturi jew biljetti ta' flus ta' Thomas Cook u dan bi ksur ta' l-Artikoli 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Iffalsifika cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra, u cioe' biljetti ta' flus, jigifieri traveler cheques ta' Thomas Cook u persuni ohra, illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas jew jiehu kunsinja tal-oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn banek jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern aktar talli ghamel uzu mill-istess karti msemmija u dan bi ksur ta' l-Artikolu 167 u 169 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qlieghta' 1650US Dolars u 15x100 US Dollars, kif ukoll 100 x 57 US Dollars fi flus kontanti foloz bi hsara ghal Thomas Cook, Eurochange u persuni ohra u dan bi ksur ta' l-Artikolu 308, 309, u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. xtara, jew ircievi, jew kellu fil-pussess tieghu, iffalsifika jew mexxa biljetti ta' flus iffalsifikati, u cioe' 100 x 57 US Dollars, ghad-detrimenet ta' Thomas Cook Exchange Bureau, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 45 u 46 tal-Kapitolu 204 tal- Ligijiet ta' Malta;

5. safa recidiv b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati datati 12.07.1993 u 15.05.1996 liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 t'Ottubru, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 308 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 45 u 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati fil-konfront tal-artikoli 308 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta w dan in kwantu jikkoncerna t-travelers cheques, hati ukoll taht l-artikoli 45 u 46 tal-kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu ghad-Dollari foloz, rat ukoll l-artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta w ikkundannatu ghal piena karcerarja effettiva ta' sentejn u nofs.
Ordnat ukoll il-konfiska tal-flus esebiti bhala DOK JP3, liema flus ghandhom jinghataw lil Bank Centrali ta' Malta.
Illiberatu mill-kumplament ta' l-akkuzi lilu addebitati in kwantu anke kif gia premess ma jirrizultawx.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-19 t'Ottubru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata w dana billi tikkonfermaha fejn ma sabitux hati ta' l-akkuzi innumerati [a] u [b] fl-akkuza originali w tirrevoka w thassar is-sentenza fejn din sabitu hati taht l-akkuza [c], [d] u [e] u kwindi tilliberah minn kull imputazzjoni w htija w fin-nuqqas tipprovdi ghal piena aktar mita w idonea fic-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant jikkonsisti fis-segwenti w cioe':-
B'referenza ghall-akkuza [d] hawn l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant hati taht l-artikolu 45 u 46 tal-Ligijiet ta' Malta referribilment ghall-biljetti tal-flus ossia d-dollari. Il-Qorti hawnhekk ikkummentat li t-teorija tal-falz grossolan li ammettiet bhala applikabbli fil-konfront ta' l-ewwel u t-tieni

akkuza cioe' taht il-Kodici Kriminali mhux applikabbli taht dan il-Kapitolu.

Illi m'hemmx dubbju li f'dan ir-rigward li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament ironeju tal-Ligi.

Illi ghandu jigi emfasizzat li n-natura guridika tar-reat ta' falsifikazzjoni kemm taht il-Kodici Kriminali kif ukoll taht il-Kap. 204 hija l-istess.

Illi ghandu jinghad illi r-reati ta' falsifikazzjoni ta' flus huwa inkluz bhala reati specifici fil-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghandu jigi rilevat li dan huwa minnu peress li l-artikoli relattivi tal-Kodici Kriminali li jittrattaw b'mod generali ir-reat ta' falsifikazzjoni taht il-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ossia fost ohrajn l-artikolu 183, 184 u 169 ta' l-istess Kap. ghal xi raguni jew ohra ma jinkludux il-falsifikazzjoni ta' flus per se. In effetti din kienet sottomissjoni maghmula mid-difiza u li fl-apprezzament taghha tal-artikoli suesposti akkoljiet. L-esponent jissotometti ghaldaqstant li jidher li kien ghalhekk u minhabba f'din il-mankanza/lacuna li l-legislatur deherlu li kellu jintroduci reati simili taht il-Kap. 204. Illi fil-verita' pero' hawnhekk si tratta ta' l-istess reati fl-aspetti guridici kollha.

Illi dan kollu jsib konfort mill-gurisprudenza nostrali u dan b'mod skjaccanti.

Illi l-prosekuzzjoni lanqas ma rnexxiela tipprova l-element morali cioe' x-xjenza. Qabel xejn ghandu jinghad li d-dollari in kwistjoni kienu manifestament foloz tant li kellhom ittimbrat fuqhom addirittura l-kelma counterfeit. Kif stqarr l-istess appellant dawn thallew ghand martu minn certu Delmar f'zewg pakketti separati. Kieku l-appellant tabilhaqq kien jaf li dawn kienu manifestament foloz zgur li ma kienx jiddepozita l-istess ma' ufficju finanzjarju fejn kulhadd jaf li dejjem issir cerifika tal-genwinita' o meno ta' l-istess. Dan il-fatt wahdu jiskolpi lill-appellant minn kull *mens rea.*

Illi mbaghad l-appellant ihoss li ghandu jirrimarka fuq dak li irrimarkat l-Ewwel Qorti li l-appellant qatt ma tella lill-

martu tixhed fuq dan il-fatt. L-appellant jidhirlu illi minhabba f'dak predispost fl-artikolu 635 tal-Kap. 9, martu ma kinitx xhud ammissibbli.

Illi mbaghad il-Qorti tirrimarka wkoll u nferiet htija fil-konfront ta' l-appellant peress li huwa f'mument minnhom ikkumpensa lis-socjeta Thomas Cook, fl-ekwivalenti tal-flus dollari li nzertaw foloz. Fil-verita' din ma tipprovax htija fil-konfront ta' l-appellant, anzi l-oppost. L-ewwelnett turi certu sens ta' buona fede da parti ta' l-appellant. Dan qed jinghad peress li l-provi jindikaw li kif l-appellant ivverifika li dawk id-dollari foloz kienu tabilhaqq ikkonsenjati minnu huwa deherlu li kellu jikkumpensa l-istess socjeta'. Dan l-istat ta' fatt jindika wkoll li zgur li l-appellant ma kienx jaf u ma ndunax li kienu foloz meta kkonsenjahom, ghax kieku kien jipprezumi li tal-ufficju finanzjarju kienu ser jindunaw u li kien ser jerga jkollu jhallashom lura. Kikeu verament kien jaf li huma foloz u li ried jinganna lil Thomas Cook kien ma jaghtihom xejn lura.

B'referenza ghall-akkuzi [c] l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant hati tar-reat ta' truffa taht l-artikolu 308 tal-Ligijiet ta' Malta referibbilment u esklussivament ghal dak li jikkoncerna travellers cheques. Illi hawn l-appellant jissottometti li dan ir-reat ma jirrizultax stante li l-prosekuzzjoni ma rnexxilix tipprova il-*mens rea.* Illi anke jekk fl=-ahjar ipotezi ghandu jitwemmen li t-travellers cheques misruqa kienu attwalment iddepozitati mal-Eurochange mill-appellant xorta wahda ma jirrizultax illi l-appellant kien jaf li dawn kienu misruqa. Illi in effetti anke mid-dokumenti esebiti naraw li f'gurnata wahda fid-9 ta' Awissu 1999, l-appellant ghamel numru sostanzjali ta' transazzjonijiet mal-Eurochange. Dan jindika li minhabba l-generu tan-negozju ta' l-appellant huwa jkollu hafna flejjes ta' valuta estera w trallers cheques xi jsarraf. Fil-fatt l-appellant baqa' jinsisti li dawk it-travellers cheques partikolari ma kienux tieghu.

Prezubbilment kieku l-appellant kien irrealizza u ssuspetta li kienu tieghu kien jaghmel kif ghamel bid-dollari foloz u jikkumpensa lil tal-Eurochange. Fil-verita' ma hemm xejn

fuq dawn it-travellers cheques li jindika li dawn kienu jappartjenu lill-appellant ghax skond id-deposizzjoni ta' Marisa Bugelli tas-6 ta' Mejju, 2002 ma hemmx il-firma w lanqas it-timbru fuqhom.

Illi mbaghad hemm ircevuti u listi ta' transazzjonijiet esebiti fl-istess gurnata mill-istess xhud. Naturalment fuq l-ircevuta suppost tal-appellant u l-listi essendo li ma hemm ebda firem ta' l-appellant fuqhom, l-appellant ma ghandu l-ebda kontroll fuq l-istess. Apparti dan jinghad ukoll li dawn id-dokumenti li jindikaw varji transazzjonijiet ma huma bl-ebda mod konklussivi.

Illi f'dan is-sens issir ukoll referenza ghad-deposizzjoni li tat Marisa Bugella fil-5 ta' Lulju 2005 a fol. 49 tal-process fejn din tghid li din it-transazzjoni saret fl-ahhar ta' Awissu jew fil-bidu ta' Settembru. Illi in effetti mid-dokumenti li gew esebiti in sostenn ta' dak allegat mill-prosekuzzjoni dawn jindikaw id-data 9 ta' Awissu u dan naturalment mhux konformi ma' dak li qalet ix-xhud u jaghtu lok ghal suspett. Illi mbaghad a fol. 52 u 53 ix-xhud giet mistoqsija kif tkun taf lil minn gew issued dawn it-travellers cheques u din wiegbet "ikollok it-timbru tal-kumpanija wara biex tkun taf ta min huma w taghmel il-banking procedures". Imbaghad fuq domand ta' l-istess prosekuzzjoni stqarret li fuq dawn it-travellers cheques ma kien hemm ebda timbru ta' hadd. A fol. 54, ix-xhud tkompli tghid, alla jbierek li b'kumbinazzjoni li l-unika travellers cheques li ma kellhomx timbru b'identifikazzjoni kienu ta' Joseph Portelli. Illi x-xhud mbaghad tispjega li bhala regola l-persuna li tircievi l-flus tkun il-kaxxiera ta' isfel. Pero' mbaghad tghid li f'dan il-kaz il-flus irceviethom hi minhabba li kienu ta' certu ammont. Madankollu fil-verita' l-ammont ma kienx dawstant kbir. Qalet ukoll li kien biss lil Joseph portelli li qdietu hi. Illi madankollu meta wiehed ihares lejn il-listings jirrealizza li f'dik il-gurnata kien hemm transazzjonijiet ferm akbar. Kien hemm somom ohra konsiderevoli, pero' hawn dawn ma gewx imsarrfa ghandha izda ghand il-kaxxiera. Dan kollu jaghti lok ghal suspett.

Illi in effetti l-appellant ma jinnegax li hu ghamel transazzjonijiet mal-Eurochange ghalkemm ma specifikax id-dati. Illi jrid jigi apprezzat ukoll li l-appellant ghamel numru konsiderevoli ta' transazzjonijiet anke f'gurnata wahda w ghalhekk ma hux improbabbli li kellu dubbji serji jekk dawk it-travellers cheques kienu tieghu jew le. Pero' anke li kieku tieghu huwa ferm plawsibbli li huwa gie ingannat huwa stess u ma ndunax meta kkonsenjahom lil Eurochange.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-piena fic-cirkostanzi kienet wahda eccessiva u mhux idonea. Illi ghal dak li jikkoncerna s-sejbien ta' htija fil-konfront tieghu fl-akkuzi numerata [d] ghandu jigi rilevat li l-istess appellant anke qabel ma gew inizzjati l-istess proceduri kien irrimborsa lil Thomas Cook exchange bureau tat-telf kollu li ghamlu.

Illi ghal dak li jikkoncerna r-reat adebit fl-akkuza [c] ghandu jinghad li minghajr pregudizzju fil-mori ta' dan l-appell, l-appellant ser ikun irrikumpensa ghas-saldu lill-agenzija finanzjarja relattiva.

Illi in oltre ghandu jinghad li l-appellant huwa fil-kummerc u huwa pjenament integrat fis-socjeta' w jekk huwa jigi inkarcerat in-negozju tieghu kollu jikkollassa b'detriment serju ghall-familja tieghu.

Illi ta' min isemmi wkoll li ghad li huwa recediv is-sentenzi moghtija fil-konfront tieghu ma kellhomx portata daqstant serja peress li wahda kienet titratta fuq iz-zamma ta' amusement machine minghajr permess tal-Pulizija fejn huwa gie kkundannat biss LM 20 multa w l-ohra kienet li esporta barra minn Malta xi flus minghajr permessi relattivi u gie kkundannat LM 400.

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-appellant mhu ta' ebda periklu ghas-socjeta' w sentenza ta' inkarcerazzjoni f'dawn ic-cirkostanzi forsi ser ikollha konsegwenzi drastici wisq fuqu u fuq il-familja tieghu.

Rat id-digriet taghha tad-dsatax (19) ta' Jannar ta' l-2011 fejn giet milquha talba tad-difiza biex issir Social Enquiry Report fejn il-Qorti nnominat lil Mary Rose Farrugia. Rat dan ir-rapport pprezentat u mahluf fis-sbatax (17) ta' Gunju ta' l-2011 (fol 279). Rat il-verbal tas-seduta tat-tmienja (8) ta' Marzu ta' l-2010 (fol 238) fejn Mark Gatt ghas-socjeta' Euro Change Financial Services iddikjara illi fl-Novembru ta' l-2009 l-appellant hallas id-djun kollha lejn is-socjeta fil-mori ta' din il-kawza u issa m'ghandiex aktar pendenzi fil-konfront tieghu.

Ikkonsidrat.

Irrizulta mill-provi illi fit-tletin (30) ta' Novembru ta' l-1999 Carmel Farrugia Security Officer mal-BOV, irraporta li fil-fergha tal-Preluna tal-Bank of Valletta gie depozitat numru konsiderevoli ta' Dollari Amerikani foloz, cioe' fifty seven (57) nota ta' mitt (100) Dollaru 'l wiehed. In effetti dawn kienu originarjament depozitati ghand Thomas Cook Exchange Bureau li allegaw li l-flus gew depozitati ghandhom mill-imputat. Fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru ta' l-1999 Mark Gatt ghal Euro Exchange Financial Institution ghamel ir-rapport lil Economic Crime Unit li kienet saret tranzazzjoni ma Joseph Portelli li parti minn din it-tranzazzjoni kienet tikkoncerna Travellers Cheques u meta l-agenzija baghtithom for collection barra minn Malta gew lura b'rapport illi kienu misruqha. Illi minhabba dawn il-fatti gew inizajti proceduri kontra l-appellant bl-akkuzi addebitati fejn, b'Sentenza tat-tmienja (8) ta' Ottubru ta' l-2009 (fol 214), l-appellant instab hati ta' xi reati addebitati lilu u gie kkundannat piena effettiva ta' sentejn u nofs prigunerija.

Ikkunsidrat.

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa s-Sentenza ferm studjata tal-Qorti tal-Magistrati fejn dahlet fid-dettal ta' dan ir-reat kif ukoll spjegat bl-aktar mod lucidu r-ragunijiet taghha ghaliex kienet qieghda ssib lill-appellant hati ta' l-akkuzi lilu addebitati. Huwa difficli li wiehed jasal ghal konkluzjoni illi l-appellant ma kellux ix-xjenza necessarja meta spacca Dollari foloz jew inkella Travellers Cheques

illi kienu rappurtati misruqin. Il-*modus operandi* tieghu kien wiehed fin illi Dollari illi kienu mmarkati counterfeit ma tpoggewx fil-wicc biex jistghu jintgharfu mall-ewwel jew inkella thallew ghalihom izda gew imhallta ma Dollari ohra genwini u jekk inti ma tkunx taf bl-ezistanza taghhom tinduna bihom b'kumbinazzjoni waqt illi inti qieghed qed tqalleb il-mazz tad-Dollari. L-istess jinghad ghat-Travellers Cheques illi kienu nisruqha.

L-appellant innega l-provinjenza ta' dawk it-Travellers Cheques. Il-Qorti rat ix-xhieda ta' Marisa Bugelli li tahdem mal-Euro Change bhala Manager Operations li kienet fil-fatt accettat it-Travellers Cheques fejn qalet illi ma kellha l-ebda dubbju illi kien Joseph Portelli illi ddepozita dawk it-Travellers Cheques ma l-istutizzjoni taghha dana 'l ghaliex dik il-lejla kellha biss zewg transactions u l-ohra kienet transazzjoni zghira li ma kellha x'taqsam xejn mat-Travellers Cheques depozitati mill-appellant. Ghalhekk din il-Qorti thoss illi x-xhieda ta' Bugelli tinnewtralizza d-dikjerazzjoni ta' l-appellant meta jghid illi mhux hu kien sarraf dawk it-Travellers Cheques u nnega li qatt gew f'idejh ghad, illi meta gie muri l-ircevuta mahruga f'ismu minn Euro Exchange ghal diversi Travellers Cheques qal illi ma jiftakarx illi kien iddepozithom.

Din il-Qorti hija wkoll konvinta bhal l-ewwel Qorti illi rrizulta car ir-reat taht l-Artiklu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tat-Travellers Cheques fejn l-appellant uza l-ingann u r-raggieri sabiex jikkonvinci lil kaxxiera li t-Travellers Cheques kienu genwini, provinjienti minn-familja li hu kien jaf. Hawn hekk Joseph Portelli ma kienx qieghed biss jghid gidba jew jinganna lil xi hadd iehor imma kien qieghed isahhah dan l-ingann bil-produzzjoni ta' Travellers Cheques ili ma kienux genwini.

L-appellant ipprova ukoll ideffes fin-nofs lil Frank Delmar meta qal li d-Dollari kienu tieghu u kien ghamillu pjacir biex jiddepozitahomlu. Delmar pero' ddikjara illi qatt ma kien ra dawk id-Dollari u ma kienx minnu illi ta xi flus barranin lill-appellant biex jiddepozitahomlu. Din il-Qorti ghalhekk thoss illi fuq il-provi li kellha quddiemha l-ewwel Qorti kellha ragun sabiex ssib htija f'xi whud mill-akkuzi li

gew addebitati lill-appellant, kif ukoll bir-ragun illiberatu minn akkuzi ohra li ma rrizultawx. Il-Qorti pero' trid taghmel rimarka ghal dak li jirrigwardja r-recidiva.

Ikkunsidrat.

Is-Sentenzi li ggravaw l-fedina penali ta' l-appellant jikkoncernaw ksur ta' regolamenti meta b'Sentenza tat-tnax (12) ta' Lulju tan-1993 kien gie misjub hati talli fl-erbgha (4) ta' Marzu tan-1992 minghajr permess tal-Ministru tal-Finanzi pprova jesporta barra minn Malta flus Maltin kif ukoll flus barranin. Din is-Sentenza giet deciza aktar minn hames (5) snin qabel ma l-appellant ikkommetta r-reati addebitati u ghalhekk ai fini ta' l-Artiklu 50 tal-Kodici Kriminali ma tapplikax ghar-recidiva. Sentenza ohra hija dik tal-hmistax (15) ta' Mejju tan-1996 fejn l-appellant kien akkuzat illi zamm zewg (2) amusement machines minghajr licenzja u ppermetta lil certu Albert Genovese jaghmilha ta' substitute minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. Hawn gie misjub hati u kkundannat multa, pero' hawn si tratta ta' ksur tar-regolamenti u ghalhekk din is-Sentenza ma tapplikax ghal fini tar-recidiva. Dana qed jinghad fil-kuntest ta' l-Artiklu 52 tal-Kap 9. Fuq dan il-punt biss il-Qorti thoss illi ghandha tiddepartixxi mis-Sentenza ta' l-ewwel Qorti peress illi la ma tirrizultax ir-recediva jista' jkun il-kaz ta' temperament fil-piena. Dan abbinat mal-fatt illi fil-mori ta' din il-kawza l-appellant irrifonda l-flus kollha dovuti lill-vittmi f'din il-kawza kif jirrizulta mil-verbal tat-tmienja (8) ta' Marzu ta' l-2010 kif ukoll mis-Social Enquiry Report.

Ghaldaqstant din il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' in parti l-appell, tikkonferma s-Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati moghtija fit-tmienja (8) ta' Ottubru ta' l-2009 fejn sabet lill-appellant mhux hati ta' l-akkuzi ntestati A u B u hati ta' l-akkuzi ntestati C, D u E u tirriformaha ghal dak li jirrigwardja l-piena b'dana illi tikkundanna lill-appellant ghal piena ta' prigunerija ta' sentejn b'dana illi wara li rat l-Artikolu 28(a) tal-Kodici Kriminali tordna illi dan it-terminu jkun sospiz ghal tliet (3) snin. Tordna wkoll il-konfiska tal-flus esebiti bhala Dok JP 3 liema flus ghandhom jigu kkonsenjati lill-Bank Centrali ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------